# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Novembru, 2017.**

**Prim Awla tal-Qorti Civili**
**Sede Kostituzzjonali**

**Rikors Numru 93/2016 SM**

**Roberta Grech**
**numru tal-identita` 314581 M**

**vs.**

**Avukat Generali**
**u ghal kull interess li jista' jkollha**
***Mercury Investments Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-17 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fis-27 ta’ Marzu, 2007, is-socjeta` *Mercury Investments Limited* ipprezentat rikors guramentat kontra r-rikorrenti odjerna fejn talbet li l-intimata tigi ikkundannata thallas lill-istess socjeta` s-somma ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu, (€23,293.73);

1.2. Illi l-istess rikorrenti odjerna kkontestat l-istess kawza, izda inutilment;

1.3. Illi l-kontestazzjoni ma kienitx tinnecessita tul ta’ zmien tant, li l-provi kienu ezawriti fi zmien qasir u fl-4 ta’ Frar, 2009, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta’ Lulju, 2009;

1.4. Illi effettivament, il-kawza giet deciza minflok fil-21 t’April, 2016;

1.5. Illi rizultat tal-istess, l-imghax li l-istess rikorrenti odjerna kellha thallas lis-socjeta` *de quo* kienet kwazi teccedi s-somma kapitali mitluba mill-istess socjeta`;

1.6. Illi l-ammont hekk dovut thallas appena il-gudizzju ghadda in gudikat, u dan, minghajr il-htiega t’appell;

1.7. Illi thoss li kellha dritt ghall-gudizzju fi zmien ragonevoli;

1.8. Illi kieku dan id-dritt taghha gie rispettat, ma kienitx tbaghti l-konsegwenzi tad-dewmien esagerat li din il-procedura hadet biex tigi deciza;

1.9. Illi l-gudizzju fil-kawza fl-ismijiet *Mercury Investments Limited*, *Rikors Numru 349/07* dam izjed minn zmien ragonevoli biex jigi deciz – u dan, minghajr ebda htija tar-rikorrenti;

1.10. Illi b’hekk gie vjolat d-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa ’l quddiem imsejha il-Konvenzjoni);

1.11. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara li d-dewmien riskontrat fil-proceduri *numru 349/07* fl-ismijiet *Mercury Investments Limited vs. Roberta Gr*ech ivvjola d-dritt tar-rikorrenti odjerna ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit:

1.11.1.i. Mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni; u

1.11.1.ii. Mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem imsejha il-Kostituzzjoni);

1.11.2. Taghti kull rimedju li jidhrilha opportun, inkluz kumpens, ghall-vjolazzjoni minnha sofferta;

1.11.3. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta datata t-2 ta' Novembru, 2016, li permezz taghha l-intimat Avukat Generali sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 4):

3.1. Illi preliminarjament din il-qorti ghandha tirrifjuta tezercita s-setghet taghha *stante* li r-rikorrenti kellha mezzi ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat u naqset tuza l-proceduri taht l-artiklu 195 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ghandha tiddeklina li tezercita l-imsemmija setghat taghha *a tenur* tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-istess ligijiet;

3.2. Illi fil-mertu jigi sintetikament ritenut is-segwenti:

3.2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2.2. Illi d-dritt ta' smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri u mhux fir-rigward ta' parti wahda tal-istess;

3.2.3. Illi m'hemm l-ebda *"time limit"* li qorti trid bilfors tosserva fi proceduri quddiemha;

3.2.4. Illi mhux biss irid jigi ppruvat li l-kaz dam pendenti, izda li tali dewmien kien kapriccuz u intiz biex jizvantagga lir-rikorrenti;

3.2.5. Illi ma kien hemm l-ebda dewmien irragonevoli kif allegat;

3.2.6. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

3.2.7. Illi *di piu`*, f'kazijiet bhal dan ma jinghatawx danni materjali biex ikopru d-danni allegatament sofferti;

3.2.8. Illi fil-kaz li l-qorti jidhrilha li hemm ksur ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti dikjarazzjoni fir-rigward hi sufficjenti;

3.2.9. Salv risposti ulterjuri;

3.2.10. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.2.11. Bl-ispejjez;

4.0. Rat ir-risposta datata l-14 ta' Novembru, 2016, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 8):

4.1. Illi tinsab f'din il-procedura biss ghal kull interess li jista' jkollha;

4.2. Illi mhix responsabbli ghad-dewmien riskontrat lamentat mir-rikorrenti;

4.3. Illi ghalhekk m'ghandiex tbati spejjez;

4.4. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat il-verbali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet rispettivament datati l-15 ta' Frar, 2017, (ara foll 78), u t-22 ta' Marzu, 2017, (ara foll 79);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz il-process **Rikors Guramentat Numru 349/2007** fl-ismijiet ***Mercury Investments Limited vs. Roberta Grech (ID 314581 (M))***;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi fl-essenzjalita` taghha din il-procedura tista' tigi elenkata bil-mod segwenti:

8.1. Illi fis-27 ta' Marzu, 2007, is-socjeta` hawn intimata kienet intavolat rikors guramentat (Numru 349/2007), allegat mal-process odjern, kontra r-rikorrenti odjerna, fejn talbet li ghar-ragunijiet hemm indikati, thallasha s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu, (€23,293.73);

8.2. Illi r-rikorrenti odjerna kienet ikkontestat din il-procedura;

8.3. Illi ezawrita l-parti dibattimentali, fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2009, il-kawza kienet differita ghas-sentenza ghall-udjenza sussegwenti, determinata li tkun fil-15 ta' Lulju, 2009, (ara foll 191 tal-atti tar-Rikors Numru 349/2007, hawn anness);

8.4. Illi finalment, wara wiehed u ghoxrin (21) differiment infruttiferu, il-kawza giet deciza b'sentenza datata l-**21 t'April, 2016**, (ara rispettivament foll 192 sa 212, u foll 213 tal-atti tal-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti hawn anness);

8.5. Illi bhala rizultat tal-istess, l-imghaxijiet li eventwalment irrizultaw dovuti kienu jlahhqu maz-zewg terzi (2/3) tal-kapital involut, (ara foll 76);

8.6. Illi ma kienx hemm appell mill-istess sentenza;

8.7. Illi l-ammont dovut rizultanti mill-istess sentenza hawn lanjata thallsu fit-22 ta' Lulju, 2016, (ara foll 77);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi f'dan ir-rigward rizultat tal-istess dewmien hekk inutilment riskontrat, ir-rikorrenti odjerna tilmenta sintetikament mis-segwenti:

9.1. Illi l-gudizzju hekk moghti fuq riferit ma kienx wiehed moghti fi zmien ragonevoli;

9.2. Illi ghalhekk batiet il-konsegwenzi reali tad-dewmien esagerat li hadu l-proceduri in dizamina;

9.3. Illi dan id-dewmien mhux imputat lilha;

9.4. Illi d-dewmien inkonsiderat kien biss rizultat tal-qorti li hadet zmien ezagerat biex tiddetermina kawza li ma kienet toffri l-ebda diffikulta`, komplikazzjoni, jew fastidju legali;

9.5. Illi konsegwentement, qed titlob dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni:

9.5.1. Tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

9.5.2. Tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni; u

9.5.3. Tal-artiklu (4)(2), tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ekwivalenti ghall-istess;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi min-naha tieghu l-intimat Avukat Generali sintetikament isosstni s-segwenti:

10.1. Illi l-qorti odjerna ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghet kostituzzjonali taghha *stante* li r-rikorrenti kellha rimedji

ohra ghad-disposizzjoni taghha, senjatament dak naxxenti mill-artiklu 195 tal-Kap 12 tal-ligijiet *de quo*;

10.2. Illi fil-mertu isosstni li r-rikorrenti m'ghandiex ragun biex tippromuovi l-istess procedura;

10.3. Illi fir-rigward tad-danni mitluba mir-rikorrenti isosstni li dawn m'ghandhomx jigu akkordati;

10.4. Illi f'kaz li jigi riskontrat il-ksur ta' dritt fundamentali lanjat, semplici dikjarazzjoni fir-rigward tkun sufficjenti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi s-socjeta` intimata min-naha taghha, sintetikament issosstni s-segwenti:

11.1. Illi bl-ebda mod m'hi responsabbli ghad-dewmien riskontrat;

11.2. Illi konsegwenza tal-fatt li hi estranea ghall-lanjanza in dizamina, m'ghandiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Avukat Generali rigwardanti l-allegat nuqqas tar-rikorrenti li tfittex rimedju ulterjuri, jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi f'dan ir-rigward gie recentement osservat zvilupp fil-gurisprudenza;

12.2. Illi ***qabel*** is-sentenza tal-***Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*** (minn issa 'l quddiem il-Qorti ta' Strasburgu), fl-ismijiet ***Brincat and Others vs. Malta*** datata l-***24 ta' Lulju, 2014*** il-qrati lokali kienu jsosstnu li r-rimedju kostituzzjonali hu rimedju ta' natura straordinarja u ghandu jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex thares id-drittijiet fundamentali tal-individwu;

12.3. Illi effettivament il-posizzjoni fir-rigward tbiddlet bhala rizultat dirett tas-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti meta l-qorti hemm indikata cahdet l-oggezzjoni ta' Malta li f'dik il-kawza ma setghax jinghata rimedju peress li ma kienux gew ezawriti r-rimedju ordinarji;

12.4. Illi f'dik il-kawza l-istess qorti osservat li f'dawn il-proceduri meta lanjant jintavola procedura wahda, (dik kostituzzjonali), minflok tnejn, (dik ordinarja u sussegwentement dik kostituzzjonali), effettivament ikunu gew servuti l-interessi tal-ekonomija tal-gudizzju *stante* li biex ikun jista' jinghata "the full range of redress" li kienu jitolbu l-lanjanti wara li jindirizzaw ir-rimedju ordinarju, xorta wahda kien ikollhom jindirizzaw il-kwezit involut ta' procedura kostituzzjonali;

12.5. Illi in vista tal-istess giet issa evitata id-dupplicita` tal-procedura, u dan, fl-interess tal-lanjant;

12.6. Illi mid-decizjoni in dizamina fuq riferita 'l quddiem, il-forum lokali beda jottempora ruhhu mal-posizzjoni mehuda mill-Qorti ta' Strasburgu fir-rigward, u konsegwentement beda jottempora ruhha ma' din id-direzzjoni issa hekk moghtija;

Ikkunsidrat:

13. Illi ssir ghalhekk referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***George Spiteri et vs. Policy Manager tal-Malta Shipyards* fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura** datata s-***27 ta' Marzu, 2015***, li irriteniet is-segwenti:

> "...tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza msemmija ta' ***Brincat and Others vs. Malta*** din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw mhux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artikli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta

minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-disposizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

14. Illi konsegwentement din ir-risposta preliminari tal-intimat Avukat Generali ghandh tigi respinta;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tal-**mertu** indirizzat mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi r-rikorrenti qed tibbaza l-lanjanza taghha fuq l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni;

15.2. Illi l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi is-segwenti:

"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law...";

15.3. Illi l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi s-segwenti:

"Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali, u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibnija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli";

15.4. Illi komplessivament, l-artikli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni fuq ripordotti jiggarantixxu **smigh xieraq fi zmien ragonevoli**;

15.5. Illi ghalkemm il-principju gie hekk determinat bi kjarezza, la l-gurisprudenza lokali u lanqas dik tal-Qorti ta' Strasburgu ma stabbilew termini rigidi u pre-determinati biex jiddefinixxu bi precizjoni s-sinifikat tal-kliem "zmien ragonevoli", u hallew dan l-onus lill-qrati kompetenti biex

jiddeterminaw kaz b'kaz skont ic-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz;

15.6. Illi in effetti, biex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien esagerat u irragonevoli kull kaz irid jigi studjat fil-mertu partikolari tieghu, u kif irribadiet il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)*** fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Said vs. L-Avukat Generali*** datata s-***6 ta' Mejju, 2009***:

"...huwa diskrezzjoni fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f'socjeta` demokratika";

15.7. Illi *di piu`*, kif irriteniet il-***Qorti Kostituzzjonali*** fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Theuma vs. Avukat Generali*** datata s-***27 ta' Gunju, 2003***:

"Sintendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. M'hemmx ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli";

15.8. Illi aktar minn hekk, l-istess ***Qorti Kostituzzjonali***, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***John A. Said proprio et nomine vs. L-Avukat Generali***, datata l-***11 ta' Novembru, 2011***, irriteniet is-segwenti:

"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragonevoli. Il-qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux...";

16. Illi hi interessanti wkoll l-emfasi moghti mill-***Qorti ta' Strasburgu*** fil-kaz fl-ismijiet ***Zimmermann and Steiner vs. Switzerland*** datat it-***13 ta' Lulju, 1983***, fejn sostniet *di piu`* li l-Istati Membri ghandhom l-obbligu:

> "... to organise their legal system so as to allow the Courts to comply with the requirements of article 6(1) including that of trial within a reasonable time";

17. Illi konsegwentement jirrizulta wkoll li hu pacifiku li l-Istat ghandu, f'dawn ic-cirkostanzi, l-obbligu li jforni rizorsi adegwati ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarja biex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri;

Ikkunsidrat:

18. Illi kif irriteniet il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)***, fil-kawza fl-ismijiet ***Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali***, datata s-***16 ta' Jannar, 2015***, meta kkwotat il-***Van Dijk*** u l-**Van Hoof**, ***"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"***, ***1998 Edition, pp. 446 – 449***:

> "When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case";

Ikkunsidrat:

19. Illi fid-dawl tal-insenjament fuq sintetikament kompilat jinghat li biex jigi deciz jekk hemm jew le lezjoni fid-dawl tal-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni li fuqhom hi bbazata t-talba tar-rikorrenti, jinghad li allura wiehed ghandu qabel xejn jezamina l-fatturi kollha rilevanti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz biex b'hekk tkun tista' ssir evalwazzjoni serja u effettiva tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi l-kawza lamentata kienet giet intavolata fis-***27 ta' Marzu, 2007***, (ara foll 1 ***Rikors Numru 349/2007*** fl-ismijiet ***Mercury Investments Limited vs. Roberta Grech***);

20.2. Illi s-sentenza finali in prim'istanza inghatat fil-***21 t'April, 2016***, (ara foll 213, Rikors Numru 349/2007 fuq citat);

20.3. Illi pero` fl-udjenza datata l-***4 ta' Frar, 2009***, l-istess procedura thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tal-***15 ta' Lulju, 2009***, (ara foll 191, Rikors Numru 349/2007 fuq citat);

20.4. Illi t-talbiet tas-socjeta` hemm rikorrenti kienu semplicement jirrigwardaw il-hlas ta' bilanc rizultanti minn appalt, (ara foll 2 u 3 tal-istess Rikors fuq riferit), u ghalhekk ma kienitx tipprezenta xi komplessita` partikolari – la fattwali u lanqas guridika;

Ikkunsidrat:

21. Illi ezami tat-talbiet u tar-risposti hemm involuti ma jindikawx li l-procedura *de quo* kienet moghnija b'xi mertu difficli jew ikkumplikat;

22. Illi *nonostante cio`*, jirrizulta li minn meta l-kawza in dizamina giet intavolata, (is-27 ta' Marzu, 2007), sad-data tas-sentenza, (il-21 t'April, 2016), ghaddew disgha (9) snin u xahar (1);

23. Illi *di piu`*, mill-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta li l-kawza damet seba' (7) snin u tlett (3) xhur differita ghas-sentenza, bl-istess kawza jkollha ghoxrin (20) differiment inutili sakemm fl-ahhar inghatat;

24. Illi tul dan il-perjodu din l-istess kawza baqghet quddiem gudikant wiehed;

25. Illi jirrizulta wkoll minn analizi tal-procedura *de quo* li r-rikorrenti odjerna ma kienitx b'xi mod ikkontribwiet ghad-dewmien inkonsiderevoli riskontrat;

Ikkunsidrat:

26. Illi fid-dawl tar-rizultanzi kif fuq elenkati jirrizulta assodat li r-rikorrenti effettivament soffriet lezjoni tad-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

Ikkunsidrat:

27. Illi kif ritenut mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali***) fil-kawza fl-ismijiet ***Tabib Dr. Tancred Busuttil vs. Avukat Generali***, datata t-***2 ta' Lulju, 2013***:

> "Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata gheluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet colonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cioe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-qrati jkunu f'posizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli";

Ikkunsidrat:

28. Illi tenut kont tad-duttrina fuq elenkata u tal-ezami dettaljat tal-process in dizamina kif fuq sintetitkament elenkat, (ara paragrafu ghoxrin, (20.), aktar qabel), din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat il-premessi taghha li f'dik il-procedura hi soffriet minn dewmien ezagerat u irragonevoli;

Ikkunsidrat:

29. Illi konsegwenza tal-istess dewmien jirrizulta assodat ukoll li r-rikorrenti kienet ippenalizzata aktar mid-dovut *stante* li l-imghaxijiet involuti baqghu jakkumulaw tul il-perjodu kollu hekk riskontrat – liema perjodu ittawwal biss u unikament minhabba l-inattivita` kurjali riskontrata – li minnu baghtiet l-imsemmija rikorrenti bl-akkumulu tal-imghaxijiet riskontrati;

Ikkunsidrat:

30. Illi f'dan ir-rigward terga taghmel referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali*** fl-ismijiet ***John A. Said proprio et nomine vs. L-Avukat Generali*** fuq citata, (ara paragrafu numru hmistax punt tmienja, (15.8.), aktar qabel), li tghid is-segwenti:

> "Madankollu din il-qorti hi tal-fehma li f'kazijiet bhal dawn fejn jirrigwarda dewmien, il-Qorti Kostituzzjonali generalment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament sofferti imma taghti kumpens bhala danni morali biex jaghmel tajjeb ghal lezjoni kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni civili";

Ikkunsidrat:

31.0. Illi fir-rigward tad-danni finanzjarji sofferti mir-rikorrenti fil-procedura civili in dizamina, jirrizulta s-segwenti:

31.1. Illi s-sorte involuta kienet tammonta ghal €23,293.73, (ara foll 225, Rikors Numru 349/2007 fuq riferit);

31.2. Illi l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena li akkumulaw mid-data tat-22 ta' Frar, 2007 kif stabbilita fl-istess sentenza in dizamina, (ara foll 225, Rikors Numru 349/2007 fuq riferit), ammontaw ghal €17,547.77, (ara foll 76 tal-procedura odjerna);

31.3. Illi kemm- il darba s-sentenza in dizamina kienet deciza fit-termini tal-ewwel differiment moghti ghal dan l-iskop, allura l-imghaxijiet kienu jkunu ferm u ferm anqas, (ara foll 191, Rikors Numru 349/2007);

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat Avukat Generali;

32.2. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u r-risposti tas-socjeta` intimata;

32.3. Tiddikjara li d-dewmien riskontrat fil-proceduri numru 349/2007 fl-ismijiet ***Mercury Investments Limited vs. Roberta Grech*** ivvjola d-dritt tar-rikorrenti Roberta Grech ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit fl-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni;

32.4. Tillikwida l-kumpens misthoqq fl-ammont ta' tmint elef euro (€8,000.00);

32.5. Tikkundanna lill-intimat Avukat Generali biex ihallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti Roberta Grech;

32.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura, jkunu biss a karigu tal-istess intimat Avukat Generali, bis-socjeta` *Mercury Investment Limited* tkun liberata milli thallas tali spejjez *stante* li l-posizzjoni taghha fir-rigward tirrizulta kompletament estranea ghall-istess dewmien riskontrat.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**